



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 2/23

Il-Lussemburgu, 12 ta' Jannar 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-702/20 | DOBELES HES u C-17/21 | GM

L-istabbiliment ta' għajjnuna mill-Istat bħala tali ma jistax joħroġ minn deċiżjoni ġudizzjarja

Fil-5 ta' Mejju 2005, il-Latvja adottat liġi (li kienet fis-seħħ bejn it-8 ta' Ġunju 2005 u l-31 ta' Diċembru 2014) li kienet intiża li temenda l-proċedura applikabbli għall-bejgħ, mill-produtturi tal-elettriku, tal-eċċess ta' produzzjoni b'tariffa miżjuda. Din il-liġi kienet tispeċifika li l-produtturi tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli li kienu diġà bdew l-attività tagħhom f'din id-data kellhom iżommu l-benefiċċju tal-kundizzjonijiet preċedenti, li kienu essenzjalment iktar favorevoli fir-rigward tal-prezzijiet applikabbli għall-bejgħ bit-tariffa miżjuda. DOBELES HES SIA u GM SIA huma żewġ impriżi Latvjani li joperaw impjanti idroelettriċi li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, l-Awtorità Regolatorja Latvjana, li għandha s-setgħa tiddetermina t-tariffa medja tal-elettriku, interpretat l-istess liġi fis-sens li kellha l-effett li tiffriża, għal dawn il-produtturi, it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku fil-valur tagħha fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2005. Din l-awtorità għalhekk ma baqgħetx taġġorna din it-tariffa.

Dan wassal lill-impriżi rikorrenti jitolbu mingħand l-Awtorità Regolatorja l-ħlas ta' "danni" bħala kumpens għat-telf imġarrab minħabba l-iffriżar tat-tariffa. L-Awtorità Regolatorja rrifjutat li tilqa' dawn it-talbiet iżda l-Qorti Amministrattiva Latvjana laqgħet parzjalment ir-rikors tagħhom.

Il-Qorti Suprema Latvjana, adita b'appell fil-kassazzjoni, talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 107(1) TFUE u l-Artikolu 108(3) TFUE, ir-Regolament dwar l-għajjnuna *de minimis* ¹ (għajjnuna mill-Istat ta' ammont żgħir li ma huwiex meħtieġ li tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni) u r-Regolament dwar il-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE ².

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, l-ewwel nett, li żewġ kriterji alternattivi jippermettu li jiġu identifikati r-
"riżorsi tal-Istat", li l-użu tagħhom huwa meħtieġ sabiex ikun hemm "għajjnuna mill-Istat" fis-sens tal-
Artikolu 107(1) TFUE: dawn għandhom ikunu jew fondi li jirriżultaw minn taxxa jew minn imposti obligatorji
oħra taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali li jkunu amministrati u mqassma konformement ma' din il-leġiżlazzjoni,
jew somom li jibqgħu b'mod kostanti taħt kontroll pubbliku.**

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li d-data tal-liberalizzazzjoni kompleta tas-suq tal-elettriku fil-Latvja hija irrilevanti sabiex jiġi evalwat jekk il-vantaġġ fil-forma tax-xiri tal-elettriku b'tariffa miżjuda għandux jiġi kklassifikat bħala għajjnuna mill-Istat. **Fil-fatt, il-klassifikazzjoni bħala "għajjnuna mill-Istat" ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li s-suq ikkonċernat ikun qabel ġie kompletament illiberalizzat.**

¹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat 18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 [TFUE] għall-għajjnuna *de minimis* (ĠU 2013, L 352, p. 1, rettifika fil-ĠU 2021, L 410, p. 204).

² Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat 13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar ukoll li l-għajnuna pubblika, li tikkostitwixxi miżuri tal-awtorità pubblika li jiffavorixxu ċerti impriżi jew ċerti prodotti, għandha natura legali fundamentali differenti mid-danni li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu eventwalment ikkundannati jħallsu lil individwi bħala kumpens għal dannu li jkunu kkawżawhom. Id-danni għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, huwa irrilevanti, sabiex jiġi ddeterminat jekk somom jikkostitwixxux “għajnuna mill-Istat”, li r-rikorsi intiżi li jinkiseb il-ħlas tagħhom jiġu kklassifikati bħala “talbiet għal kumpens” jew bħala “talbiet għad-danni” skont id-dritt nazzjonali.

Barra minn hekk, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tkun stabbilixxiet “għajnuna mill-Istat”, il-ħlas ta’ somma mitluba quddiem qorti skont din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxi wkoll tali għajnuna.

Bi tweġiba għal argument imressaq mill-Kummissjoni, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-istabbiliment ta’ għajnuna mill-Istat bħala tali ma jistax joħroġ minn deċiżjoni ġudizzjarja. Fil-fatt, dan jaqa’ taħt evalwazzjoni ta’ opportunità li ma taqax taħt il-kompetenza tal-qorti.**

Sussegwentement, fir-rigward tal-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna *de minimis*, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li huwa fir-rigward tal-ammont totali tas-somom diġà mħallsa u tas-somom li għadhom mitluba mir-rikorrenti matul il-perijodu ta’ referenza li, jekk jitqies li din hija għajnuna mill-Istat, għandha tiġi evalwata n-natura *de minimis* tal-għajnuna.

Fl-aħħar nett, fil-każ li l-qorti nazzjonali tkun adita b’talba intiża li jinkiseb il-ħlas ta’ għajnuna illegali, jiġifieri għajnuna li ma tkunx ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni minkejja li ma kinitx għajnuna *de minimis*, il-qorti nazzjonali għandha tiċħad tali talba. Madankollu, il-qorti nazzjonali tista’ tilqa’ talba li jkollha bħala suġġett il-ħlas ta’ somma li tikkorrispondi għal għajnuna ġdida mhux ikkomunikata lill-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li din l-għajnuna tkun qabel debitament ikkomunikata mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati lil din l-istituzzjoni u li din tal-aħħar tagħti, jew titqies li tkun tat, il-kunsens tagħha f’dan ir-rigward.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ u s-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

lbqgħu konnessi!

